Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 04/2019: GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C3143) U ATLAS INSURANCE PCC LIMITED (C5601) KIF SURROGATI FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURAT TAGĦHOM PAVI SUPERMARKETS LIMITED SKOND IL-LIĠI U SKOND IL-POLZA TAL-ASSIGURAZZJONI (H9755P152) V. SEBASTIAN DEBONO (ID. 121881M) BĦALA PRESIDENT U JUSTIN FACCIOL (ID 185390M) BĦALA SEGRETARJU F'ISEM U IN RAPPREŻENTANZA TAL-GĦAQDA TAN-NAR SAN BASTJAN AD 1979 U L-ISTESS JUSTIN FACCIOL PERSONALMENT FIL-VESTI TA' LICENSEE

(PERSONALITA' ĠURIDIKA – LEGITTIMU KONTADITTUR - ORGANIZZAZZJONIJIET MHUX REĠISTRATI – KAP. 16, IT-TIENI SKEDA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**9 ta' Novembru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' GasanMamo Insurance Limited u Atlas Insurance PCC Limited kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat tagħhom Pavi Supermarkes Limited skond il-liġi u skond il-polza tal-assigurazzjoni ("il-kumpaniji rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2019,

wara li kkunsidrat ir-risposta ta' Justin Facciol bħala segretarju f'isem u in rappreżentanza tal-Għaqda tan-Nar San Bastjan AD 1979 u personalment bħala *licensee*

("l-intimat Facciol *proprio et nomine*") ippreżentata fl-4 ta' Frar 2019[1] u kif ukoll ir-risposta ta' Sebastian Debono bħala segretarju f'isem u in rappreżentanza tal-Għaqda tan-Nar San Bastjan AD 1979 ippreżentata fis-7 ta' Frar 2019[2] ("l-intimat Debono *nomine*"), flimkien "l-intimati",

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat li l-partijiet ġew awtorizzati mill-Qorti sabiex jippreżentaw il-provi tagħhom dwar numru ta' eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati li jirrigwardaw l-istat tagħhom fil-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Claudine Pace Zarb
- tal-intimati, mill-Avukat Dr. Alicia Borg,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża sa' issa,

qed tagħti din is-

## Sentenza parzjali

1. Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati jħallsuhom *inter alia* "*is-somma ta' €14,952.80 rappreżentanti danni sofferti minn Pavi Supermarkets Limited kawża ta' ħruq fl-istabbiliment tagħha b'riżultat tan-nar (fireworks) organizzat mil-intimati fil-lejl ta' bejn 1-20 u 1-21 ta' Jannar 2017 għal liema huma responsabbli solidarjament. ... is-soċjetajiet rikorrenti ikkumpensaw lill-assigurat tagħhom id-danni fuq imsemmija a bażi tal-polza ta' assigurazzjoni u b'hekk ġew debitament surrogati skond il-liġi u skond il-polza ta· assigurazzjoni*..."

2. L-intimat Facciol *proprio et nomine* eċepixxa *inter alia*:

    1. illi fil-vesti ta' segretarju huwa ġie imħarrek inutilment, m'huwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress illi "*qatt ma kien okkupa l-kariga ta segretarju tal-Għaqda u preżentement ma hux qed jokkupa tali kariga fl-imsemmija Għaqda",* u

[1] Fol 14
[2] Fol 21

2. illi t-talba kif dedotta kontra l-Għaqda kif rappreżentata mill-intimati *"hija insostenibbli, ma tistax treġi u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li filwaqt Ii l-istess Sebastian Debono u Justin Facciol għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante Ii Sebastian Debono [ID 217580M] ma hux il-President tal-Għaqda filwaqt Ii Justin Facciol ma hux segretarju tal-Għaqda, per konsegwenza il-persuni indikati m'għandhomx ir-rappreżentanza tal-istess Għaqda, u wisq iżjed ma setgħux jitħarrku f'isem l-Għaqda u per konsegwenza l-Għaqda ma ġietx validament imħarrka u ma hux leġittimament rappreżentata".*

3. L-intimat Debono *nomine* eċepixxa *inter alia*:

2. Illi <u>fil-vesti ta' President</u> huwa ġie imħarrek inutilment, m'huwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress illi "*ma' għadux jokkupa tali kariga fl-imsemmija Għaqda*", u

3. illi t-talba kif dedotta kontra l-Għaqda kif rappreżentata mill-intimati "*hija insostenibbli, ma tistax treġi u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li filwaqt Ii l-istess Sebastian Debono u Justin Facciol għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante Ii Sebastian Debono [ID 217580M] ma hux il-President tal-Għaqda filwaqt Ii Justin Facciol ma hux segretarju tal-Għaqda, per konsegwenza il-persuni indikati m'għandhomx ir-rappreżentanza tal-istess Għaqda, u wisq iżjed ma setgħux jitħarrku f'isem l-Għaqda u per konsegwenza l-Għaqda ma ġietx validament imħarrka u ma hux leġittimament rappreżentata*".

4. Il-Qorti rat l-istatut tal-Għaqda tan-Nar San Bastjan AD 1979 kif approvat fil-laqgħa ġenerali straordinarja tat-2 ta' Settembru 2018, liema statut ġie ppreżentat permezz ta' nota fis-7 ta' Frar 2019[3] u senjatament Klawsola 2.4 minn fejn jirrizulta s-segwenti:

'***2.4 Rappreżentanza***

[3] Fol 20

*Fi kwalunkwe proċediment ġudizzjarju, u għal kwalunkwe, att, kuntratt u/jew dokument ieħor inkluż iżda mhux limitatament għal dokumenti bankarji, l-Għaqda għandha tkun rappreżentata mill-persuni Ii jkunu qegħdin jokkupaw il-kariga ta' Kap tal-Kamra, President u Segretarju tal-istess Għaqda fil-kapaċità uffiċċjali tagħhom:*

*Iżda l-Kumitat Amministrattiv jista' jaħtar membru wieħed jew iktar sabiex jidhru fl-isem u fl-interess tal-Għaqda fi kwalunkwe proċediment ġudizzjarju, u għal kwalunkwe, att, kuntratt u/jew dokument ieħor u dan permezz ta' riżoluzzjoni mill-istess Kumitat Amministrattiv u ffirmata mill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv'.*

5. L-istatut jipprovdi ukoll għall-karigi diversi fi ħdan il-Kumitat Amministrattiv u d-dmirijiet assoċjati ma' kull kariga, fosthom il-karigi tal-Kap tal-Kamra, tal-President u tas-Segretarju, li kif jingħad fuq għandhom flimkien ir-rappreżentanza ġuridika tal-Għaqda.

   Il-Kap tal-Kamra *inter alia 'huwa d-detentur tal-Liċenzja tal-Kamra/Fabbrika tax-xogħolijiet tan-nar u għandu r-responsabbiltà Ii jiżgura Ii l-Kamra/ Fabbrika tax-xogħlijiet tan-Nar ta' San Sebastjan hija konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Liġijiet ta' Malta u ta' kwalunkwe regolamenti Ii jistgħu jinħarġu minn żmien għal żmien.'*

   Il-President *inter alia 'għandu jippresjedi l-Laqgħat Ġenerali, Straordinarji u dawk tal-Kumitat Amministrattiv'*, jiżgura illi l-Istatut '*u r-regolamenti u l-Liġijiet ta' Malta rigwardanti l-manifattura u l-ħruq tal-logħob tan-nar jiġu osservat*' u '*jmexxi 'l quddiem lil din l-Għaqda u jkun ta' eżempju għall-membri kollha tal-Għaqda*'.

   Is-Segretarju *inter alia 'jżomm il-minuti ta' kull Laqgħa kemm dawk tal-Kumitat Amministrattiv, kif ukoll tal-Laqgħat Ġenerali u tal-Laqgħat Ġenerali Straordinarji u fil-Laqgħa li ssegwi għandu jaqra l-minuti tal-Laqgħa preċedenti*'.

6. Skond l-istess nota ppreżentata mill-intimati fis-7 ta' Frar 2019[4] u anke kif jidher mill-minuti ppreżentati fl-1 ta' April 2019 mill-intimat Facciol *proprio et nomine*[5], fil-ġurnata li nfetħet il-kawża, il-President tal-Għaqda kien ċertu Redeno Apap, is-Segretarju kien Clayton Spiteri u l-Kap tal-Kamra kien Justin Facciol.

---

[4] Fol 18
[5] Fol 41

7. Kemm mill-istatut tal-Għaqda u kif ukoll mill-atti ma' jidhirx illi din l-organizzazzjoni (li hija f'forma ta' assoċjazzjoni) ġiet reġistrata fir-Reġistru ta' Persuni Legali taħt it-Tieni Skeda tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u għaldaqstant m'hemm xejn x'juri lil din il-Qorti illi l-Għaqda hija mogħnija b'personalita' legali distinta minn dik tal-membri tagħha. Dan qed jingħad għaliex ai termini tal-Art. 181A(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

*'181A. (1) Meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita' ġuridika distinta, ikun biżżejjed li wieħed iniżżel isem dak il-korp.'*

8. It-Tieni Skeda tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (li tirregola l-organizzazzjonijiet ġuridiċi) tipprovdi fost affarijiet oħra illi:

*'3(1) Il-personalità ġuridika tinkiseb permezz tal-għarfien formali mill-Istat. L-għarfien mill-Istat jeħtieġ att speċifiku ta' għarfien u l-ebda att amministrattiv ieħor tal-Istat, fir-rigward ta' organizzazzjoni jew attività, ma jikkostitwixxi għarfien. Hlief meta l-personalità ġuridika tkun rikonoxxuta jew stabbilita bil-liġi jew trattat internazzjonali jew ftehim jew hija mogħtija bis-saħħa tar-reġistrazzjoni skont xi liġi speċjali, il-personalità ġuridika għandha tinkiseb biss minn organizzazzjoni meta din <u>tiġi reġistrata mar- Reġistratur għall-Persuni Ġuridiċi</u> skont l-artikolu 12.'*

9. Taħt l-istess Skeda, il-liġi tipprovdi illi organizzazzjonijiet bħal pereżempju assoċjazzjonijiet m'humiex marbutin li jirreġistraw bħala persuni ġuridiċi iżda jistgħu jagħmlu dan. Naturalment meta jagħmlu hekk, huma jakkwistaw personalita' legali u ġuridika separata minn dik tal-membru tagħhom. Meta ma' jagħmlux hekk, ċioe meta organizzazzjoni ma' tkunx reġistrata, hija ma' tkunx persuna ġuridika iżda tgawdi minn għarfien limitat u setgħat legali biex tikseb l-għan speċifiku li għalih tkun ġiet kostitwita fosthom setgħat biex takkwista proprjetà, tiftaħ kontijiet bankarji u timpjega ħaddiema u tħarrek u tiġi mħarrka. Is-setgħat ta' organizzazzjoni li ma' tkunx reġistrata huma strettament limitati għal dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha u għall-finijiet tal-amministrazzjoni tagħha. L-amministraturi tagħha huma responsabbli personalment u in solidum bejniethom għat-tħaddim tajjeb tal-beni tal-organizzazzjoni u huma wkoll responsabbli in solidum bejniethom u mal-organizzazzjoni għal kull passiv tagħha, kemm jekk ikun għadhom amministraturi kif ukoll jekk le. Madanakollu, normalment huma responsabbli in subsidium mal-organizzazzjoni u għandhom il-benefiċċju ta' diskussjoni.

10. Issa ta' rilevanza importanti għal din il-vertenza huwa l-Artikolu 14(4) tat-Tieni Skeda li jipprovdi kif ġej:

'*14(4) Organizzazzjoni mhux reġistrata tista' tiġi mħarrka f'isimha stess u hija rappreżentata fil-proċeduri ġudizzjarji minn amministratur. Organizzazzjoni mhux reġistrata tista' tħarrek f'isimha stess u hija rappreżentata mill-persuna li, skont l-istatut, mill-amministratur uniku jew, jekk ikun hemm aktar minn amministratur wieħed, minn żewġ amministraturi li jkunu*'

11. It-test Malti ta' dan l-artikolu m'huwiex daqstant feliċi għaliex huwa inkomplet. It-test Ingliż huwa iżjed preċiż u jistipula kif ġej:

'*14(4) An unregistered organisation may be sued in its own name and is represented in legal proceedings by any administrator. An unregistered organisation may sue in its own name and is represented by the person who, in terms of the statute, enjoys such power or in the absence of such appointment, by the sole administrator, if there is more than one, by any two administrators.*'

12. Minn dan l-artikolu joħroġ is-segwenti dwar organizzazzjoni li ma' tkunx reġistrata bħala persuna ġuridika:

    1. Tista' tħarrek u tiġi mħarrka **f'isimha stess**;
    2. Meta tħarrek tkun rappreżentata fil-proċeduri minn dik il-persuna li għandha l-kapaċità tagħmel hekk skond l-istatut tagħha, jew fin-nuqqas, minn xi amministratur tagħha (jew jekk ikollha iżjed minn amministratur wieħed, minn żewġ amministraturi li jkunu);
    3. Meta tiġi mħarrka tkun rappreżentata fil-proċeduri ġudizzjarji minn kwalunkwe amministratur.

13. Ġaladarba organizzazzjoni mhux reġistrata tista' titħarrek f'isimha stess dan ifisser li b'żieda ma' dak li jiddisponi l-Artikolu 181A(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (li però japplika biss għal korp li jkollu personalita' ġuridika distinta), meta tiġi preżentata skrittura kontra tali organizzazzjoni **ikun biżżejjed li wieħed iniżżel biss l-isem tagħha**.

14. L-Għaqda intimata ġiet imħarrka fil-persuni ta' Sebastian Debono (bħala President) u Justin Facciol (bħala Segretarju). L-eċċezzjonijiet preliminari jgħidu li l-kawża ma' ġietx intavolata kif suppost għaliex l-intimati ma' kellhomx is-setgħa li jirrappreżentaw l-Għaqda fi proċeduri ġudizzjarji (il-President għaliex ma' baqax jokkupa tali kariga fiż-żmien li nfetħet il-kawża, u s-Segretarju għaliex ma' jokkupax u qatt ma' okkupa tali kariga). Jgħidu ukoll illi l-Għaqda intimata ma' ġietx validament imħarrka għaliex ma' ġietx leġittimament rappreżentata.

15. Fil-fehma tal-Qorti, fehma li hija assodata fil-ġurisprudenza (ara fost oħrajn **Nazzareno u Josephine Mary konjuġi Pisani v. Brother Saviour Gatt *proprio et nomine*** (14/10/2005, Ċit. Nru 2432/2000/1 GCD), ladarba organizzazzjoni mhux reġistrata tista' jiġi mħarrka f'isimha stess bla ħtieġa li tissemma il-persuni fiżika li tidher għaliha, allura l-fatt illi l-Għaqda intimata hija msemmija b'isimha fir-rikors promotur huwa biżżejjed biex tkun imħarrka sew.

16. Inoltre, filwaqt li skond l-istatut l-Għaqda għandha tiġi rappreżentata fi proċeduri ġudizzjarji mill-Kap tal-Kamra, mill-President u mis-Segretarju flimkien, madankollu l-Artikolu 14(4) tat-Tieni Skeda fuq imsemmi jipprovdi li meta organizzazzjoni mhux reġistrata tiġi **mħarrka** (b'distinzjoni ma' meta tħarrek) hija tkun rappreżentata fil-proċeduri ġudizzjarji minn amministratur. Għalhekk Justin Facciol fil-kariga tiegħu bħala Kap tal-Kamra (iżda mhux fil-kariga ta' Segretarju) seta' ukoll jiġi mħarrek in rappreżentanza tal-Għaqda.

17. Hu x'inhu, l-iktar ħaġa importanti hija li r-rikorrenti ċċitaw lill-Għaqda b'isimha fir-rikors tagħhom. Hija l-Għaqda l-entita' intimata f'dawn il-proċeduri (flimkien ma' Justin Facciol personalment bħala *licensee)* u kwalunkwe żball fil-persuni li ġew ċċitati bħala li jirrappreżentawha huwa biss żball proċedurali li għall-finijiet ta' eżattezza (u biex titneħħa kwalunkwe ambigwità) jista' (għalkemm m'hemmx il-ħtieġa legali għaliha) jiġi korrett b'ordni tal-Qorti wara li ssir talba appożita ai termini tal-Art. 175 tal-Kap. 12. Talba ta' din in-natura tkun tista' tintlaqa' anke għaliex il-korrezzjoni li ssir hija *"fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru"*[6] u ma' tbiddel xejn "*fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni **fuq il-mertu tal-kawża***"[7]

---

[6] Art. 175(1) tal-Kap. 12
[7] Ibid.

18. Il-Qorti hija konxja li talba ta' din ix-xorta diġà saret f'dawn il-proċeduri u ġiet rifjutata mill-Qorti diversement presjeduta permezz tad-digriet tagħha tal-24 ta' April 2019. Il-Qorti għandha l-poter li tirrevoka *contrario imperio* digriet li tkun tat iktar qabel fl-istess proċeduri u tilqa' t-talba oriġinali iżda f'dan il-każ m'hijiex ser tagħmel hekk ġaladarba t-talba oriġinali li kienet ġiet miċħuda kienet sabiex ikun hemm tlett persuni jirrappreżentaw lill-Għaqda intimata fl-okkju tar-rikors. Kif diġà ġie indikat iktar 'l fuq, "*Organizzazzjoni mhux reġistrata tista' tiġi mħarrka f'isimha stess u hija rappreżentata fil-proċeduri ġudizzjarji minn amministratur"* u għalhekk jista' jagħti l-każ illi l-kumpaniji rikorrenti jagħżlu li jagħmlu talba għal korrezzjoni diversa minn dik oriġinalment magħmulha. Jerġa jiġi ribadit mill-Qorti però illi tali korrezzjoni tkun biss sabiex tiġi eliminata kwalunkwe ambigwità u mhux għaliex hemm xi ħtieġa legali għaliha.

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intimat Facciol *proprio et nomine* u mit-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-intimat Debono *nomine* billi tiċħadhom u għaldaqstant tordna l-prosegwiment tal-kawża. L-ispejjeż riservati għall-ġudizzju finali.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur